A.L. **35 ta' l-1991**

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ("STOCK" U TITOLI REĠISTRATI — KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm1,000,000 4.5% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1996/98

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm1,000,000 4.5% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1996/98, kif ġej:—

1. L-i*stock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm101 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-i*stock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*stock* jiftħu t-Tnejn, 25 ta' Marzu, 1991 u jagħlqu f'nofsin-nhar ta' nhar is-Sibt, it-13 ta' April, 1991 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*. Mod tal-ħruġ ta' l-i*stock*.

2. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm1,000,000. Somma ta' flus li għandha tinġabar

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-13 ta' April u fit-13 ta' Ottubru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*stock* . L-ewwel ħlas ta' Lm2.25,0 kull Lm100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn l-14 ta' April, 1991 u t-13 ta' Ottubru, 1991, għandu jsir fit-13 ta' Ottubru, 1991. Rata ta' imgħax u dati tal-ħlas.

4. L-imgħax fuq dan l-I*stock* huwa eżentat mill-ħlas tat-Taxxa fuq il-qliegħ. Eżenzjoni minn ħlas ta' Taxxi.

5. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm10,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-i*stock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien tlett snin mill-14 ta' April, 1991. Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament.

6. L-i*stock* għandu jiġi mifdi bir-rata ta' Lm100 għal kull Lm100 *stock* f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1996 u l-31 ta' Diċembru, 1998 (iż-żewġ dati magħdudin) kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-i*stock* jinfeda biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-i*stock* maħruġ. Fidwa ta' *Stock*.